**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**16 ta' April 2019**

**Rikors Numru 104/2018**

**Joseph Aquilina**

**Vs**

**Il-Bord tal-Gvernaturi ta' l-Awtorita` ta' l-Artijiet**

## It-Tribunal,

Ra r-rikors ta' **Joseph Aquilina** ipprezentat fis-16 ta' Ottubru 2018 li permezz tieghu ppremetta s-segwenti:-

*"Illi dan l-appell jittratta dwar id-decizjoni datata sbatax (17) t'Awwissu 2018 tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorita' tal-Artijiet u dan rigwardanti proprjeta' numru disgha u ghoxrin (29), Triq it-Torri, Tas-Sliema,. Dwar din il-proprjeta' l-istess awtorita' tal-Artijiet ghandha l-File No. GLA19/2018/0002 F/B;*

*Illi permezz ta' kuntratt pubbliku datat sabatax (17) ta' Mejju 2012 fl-atti tan-Nutar Dottor Tania Spiteri, Dokument VI hawn anness, is-socjeta' kummercjali Venxa Limited, li ghandha r-registrazzjoni numru C32062, bl-ufficcju registrat 135, Triq il-Qasam, Swieqi, akkwistat b'titolu ta' enfitewsi temporanja l-proprjeta' mmobiljari numru disgha u ghoxrin (29), Triq it-Torri, Sliema u dan taht diversi kundizzjonijiet stipulati fl-istess kuntratt;*

*Illi l-proprjeta' in kwistjoni hija maqsuma f'diversi fondi, bi dhul separat u l-enfitewta u cioe' Venxa Limited kriet diversi partijiet mill-korp lil diversi nkwilini u dan, bil-konsapevolezza, approvazzjoni u kunsens tal-istess Awtorita' tal-Artijiet;*

*Illi partikolarment parti mill-proprjeta' mmobiljari numru disgha u ghoxrin (29), Triq it-Torri, Sliema, huwa prezentement mikri bhala hanut kummercjali lil terzi. Ghandha entratura mill-istess numru disgha u ghoxrin (29), Triq it-Torri, Sliema. L-inkwilin qieghed jiggestih bhala hanut b'generu boutique - li minnu naturalment jinbieghu hwejjeg;*

*Illi l-inkwilin prezenti huwa intenzjonat li ma jkomplix jiggestixxi n-negozju tieghu minn dan il-hanut u ghalhekk il-kirja prezenti sejra tigi tterminata bonarjament, bi ftehim bejn l-inkwilin prezenti u l-enfitewta;*

*Illi l-istess enfitewta Venxa Limited wasal ghal ftehim ma' terza persuna sabiex tinkera l-istess parti tal-fond in kwistjoni - u dan ghall-istess generu. Cioe' bhala hanut kummercjali, bhala boutique ghall-bejgh tal-hwejjeg.*

*Illi permezz ta' korrispondenza u cioe' email datat 28 ta' Marzu 2018, Dokument JA1, hawn anness, l-appellant Joseph Aquilina personalment kien talab il-permess tal-Awtorita' tal-Artijiet, sabiex jinbidel l-inkwilin tal-hanut li jifforma parti mill-korp ta' bini numru disgha u ghoxrin (29), Triq it-Torri, Sliema. Ta' min jirrileva li l-istess Joseph Aquilina ma kellu l-ebda awtorita' li jaghmel hekk u jirrileva, li dan ghamlu, frott ta' zball genwin. Tali talba hija ghal kollox erroneja. L-enfitewta kien u ghadu hadd ghajr is-socjeta' kummercjali Venxa Limited - u l-appellant Joseph Aquilina personalment m'ghandu l-ebda relazzjoni kontrattwali u guridiku mal-Awtorita' tal-Artijiet, ghajr bhala garanti solidali ghall-obbligi tas-socjeta' kummercjali Venxa Limited lejn l-Awtorita' tal-Artijiet. Tali talba kellha tigi skartata - fil-fatt kellha tigi skartata fl-infanzja taghha u dan peress li ma kienx Joseph Aquilina l-persuna idoneja li seta' jitlob hekk;*

*Illi permezz ta' decizjoni tas-sbatax (17) t'Awwissu 2018 tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorita' tal-Artijiet, Dokument JA2, hawn anness, l-isess appellant Joseph Aquilina gie nfurmat li t-talba tieghu giet michuda. U dan peress li mhux fl-interess tal-Gvern li jiddisponi mill-proprjeta' tal-Gvern;*

*Illi qieghed jigi sottomess, bl-akbar dovut rispett, hu li l-istess Bord tal-Gvernaturi ma seta' qatt jiddeciedi dwar talba mill-appellant Joseph Aquilina, fil-kapacita' tieghu personali. Dan peress li mhuwiex hu l-enfitewta tal-proprjeta' in kwistjoni. L-enfitewta s-socjeta' kummercjali Venxa Limited. Ghalhekk tali talba ta' Joseph Aquilina, permezz tal-email datat tmienja u ghoxrin (28) ta' Marzu 2018, kellha tigi skartata ab initio u ma kellhiex tigi kunsidrata;*

*Illi dan qieghed jinghad minhabba l-fatt li ghalkemm ir-raguni moghtija fid-decizjoni tas-sbatax (17) t'Awwissu 2018 ma hijiex daqstant cara jew motivata, hemm indikazzjoni li t-talba ta' Joseph Aquilina ma kinitx skartata, minhabba li kienet irritwa u qatt ma kellha tigi kunsidrata. Dan qieghed jinghad fid-dawl tal-fatt li ntuza l-kliem li "mhux fl-interess tal-Gvern li jiddisponi mill-proprjeta' tal-Gvern" - cioe' jidher li l-Bord dahal fil-mertu taghha - haga li ma kellhiex taghmel. Filfatt, l-appellant jissottometti li l-istess Bord tal-Gvernaturi kellu jiddelibera billi jichad it-talba ab initio a bazi tal-fatt li Joseph Aquilina ma kellux locus standi fil-vertenza u ergo, it-talba tieghu ma kellha l-ebda validita';*

*Illi, bid-decizjoni zbaljata tal-istess Bord tal-Gvernaturi, is-socjeta' kummercjali Venxa Limited, l-uniku enfitewta tal-proprjeta' numru disgha u ghoxrin (29), Triq it-Torri, Sliema setghet giet pregudikata permezz ta' din id-decizjoni u dan intortament. Minghajr qatt ma talbet, qatt ma kienet mgharrfa b'din it-talba u minghajr qatt ma setghet tissostanzja xi talba taghha u l-validita' taghha. U r-ragunijiet ghaliex skont hi, talba eventwali taghha ghandha tigi kunsidrata favorevolment u milqugha;*

*Illi l-appellant jissottometti l-ammissjoni tieghu minghajr rizerva u li kien zbaljat ghal kollox fit-talba tieghu, minkejja li kien zball genwin, u jhoss li seta' ppregudika d-drittijiet tas-socjeta' kummercjali Venxa Limited;*

*Illi wara kollox it-talba eventwali tas-socjeta' kummercjali Venxa Limited, kif fuq deskritt, hija wahda li ghandha tikkonforma mal-kuntratt ta' enfitewsi fuq imsemmi u ghalhekk ghandha tigi milqugha - u dan ghaliex mhuwiex konsistenti fic-Change of Use - izda sempliciment tibdil tal-inkwilin, li sejjer jaddotta l-istess generu ta' negozju;*
*Illi in vista tas-suespost, id-decizjoni tal-Bord tal-Gvernaturi mehuda fis-sbatax (17) t'Awwissu 2018 hija zbaljata ghal kollox u dan peress li tali talba kellha tigi skartata ab initio - mill-bidunett u dan peress li l-appellant ma kienx il-persuna idoneja li seta' jaghmel tali talba. Konsegwetement tali decizjoni hija bla ebda bazi fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandha tigi revokata, kancellata u reza bla effett;*

*Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq premessi, l-appellant rikorrenti Joseph Aquilina, qieghed jitlob bir-rispett li dan l-Onorabbli Tribunal:*

*1)Jiddikjara li tali decizjoni tas-sbatax (17) t'Awwissu 2018 tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorita' tal-Artijiet tirrigwarda talba ta' Joseph Aquilina, li qatt ma kellha tigi kunsidrata u filfatt kellha tigi skartata u injorata;*
*2) Jiddikjara li tali decizjoni hija ghalhekk nula u bla effett u b'hekk ghandha tigi kancellata u revokata;*
*3) Jghaddi sabiex jikkancella u jirrevoka tali decizjoni sa fejn taffetwa l-proprjeta' u tista' jkollu effett fuq is-socjeta' kummercjali Venxa Limited;*
*4) Jaghti kwalunkwe provvediment iehor xieraq u opportun fic-cirkostanzi li joffri rimedju sabiex l-enfitewta proprja ma jigix effettwat jew imcahhad mid-drittijiet tieghu u mit-tgawdija tal-istess, a bazi tal-kuntratt pubbliku fuq imsemmi datat sbatax (17) ta' Mejju 2012 - u tinghata d-dritt li taghmel it-talba hi bid-dritt ta' sottomissjoni, spjega u li tinstema'."*

Ra r-risposta **tal-Bord tal-Gvernaturi ta' l-Awtorita` ta' l-Artijiet** datata 6 ta' Novembru 2018 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:-
"

1. *Illi r-rikorrent talab l-Awtorita' esponenti permezz ta' applikazjoni numru GLA19/2018/0002 (B/F) liema applikazjoni hija datata tmintax (18) ta' April elfejn u tmintax (2018) 'to sublet shop which is going to be used as a Class 4 retail outlet'.*

2. *Illi l-Awtorita' tal-Artijiet b'deċiżjoni tal-Bord tal-Gvernaturi datata hamsa (5) ta' Settembru, 2018 irrifjutat il-kunsens tagħha 'peress li l-Bord innota klawsola bin-numri 12 u 24 fil-kuntratt ta' koncessjoni emfitewtika u peress li mhux fl-interess tal-Gvern li jiddisponi mill-propjeta' tal-Gvern.'*

3. *Illi r-rikorrenti qieghed isostni illi ghamel it-talba bi zball ghaliex hija s-socjeta' Venxa Ltd li ghandha ness guridiku mal-Awtorita' tal-Artijiet mhux hu personalment;*

4. *Illi ghaldaqstant jitlob lil dan l-Onorabbli Tribunal:*

a. *Jiddikjara li d-decizjoni tal-Bord, qatt ma kellha tigi kunsidrata u fil-fatt kellha tigi skartata u njorata';*

b. *Jiddikjara tali decizjoni nulla u bla effett u b'hekk ghandha tigi kkancellata u revokata;*

c. *Ighaddi sabiex jikkancella u jirrevoka tali decijoni safejn taffetwa il-propjeta u tista jkollu effett fuq is-socjeta kummercjali Venxa Ltd;*

d. *Jghati kwalunkwe provvediment iehor li joffri rimedju sabiex l-enfitewta propja ma jigix effettwat jew imcahhad mid-drittijiet tieghu u tgawdija ta' l-istess, ghab basi tal-kuntratt pubblikuu fuq imsemmi datat 17 ta' Mejju, 2012 u tinghata d-dritt li taghmel it-talba hi bid-dritt ta' sottomissjoni, spjega u li tinstema';*

5. *Illi primarjament il-Bord tal-Gvernaturi jirrileva illi l-legittimu kontradittur vera u propja m'huhiex hu qua Bord izda hija l-Awtorita' li f'isimha jiehu d-decizjonijiet kollha tieghu;*

6. *Illi bla pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti Joseph Aquilina huwa l-persuna illi deher fuq il-kuntratt ta' Enfitewsi Temporanja tas-17 ta' Mejju, 2012 redatt min-Nutar Tania Spiteri.*

7. *Illi huwa ghamel dan f'isem u in rapprezentanza tal-Kumpanija Venxa Limited 'hekk kif awtorizzat bil-memorandum u artikoli tal-istess Kumpanija' u fl-istess kuntratt hemm imnizzel illi 'minn [hemm] il-quddiem [ser ikun] maghruf bhala l-enfitewta' (Ara l-Kuntratt Anness u mmarkat Dok A);*

8. *Illi ghaldaqstant ir-rikorrenti ghandu ness guridiku mal-Awtorita' tal-Artijiet u dan bhala rapprezentant tal-istess kumpanija u ghaldaqstant ma jaghmel l-ebda sens illi huwa jsostni illi d-decizjoni tal-Bord ghandha tigi skartata u njorata ghaliex f'ghajnejn l-Awtorita' r-rikorrent huwa 'maghruf bhala l-enfitewta';*

9. *Illi rigward it-tieni talba tar-rikorrenti, din għandha tiġi miċħuda stante li ma ġiet indikata l-ebda bażi legali fondata, mill-istess soċjetà rikorrenti, li tikkostitwixxi raġuni valida kemm fil-fatt u kemm fid-dritt amministrattiv li timmerita reviżjoni ta' dan l-għemil amministrattiv;*

10. *Illi t-tielet talba ghandha tigi michuda fit-totalita taghha stante illi r-rikorrenti huwa l-persuna li ghall-kull buon fini jirraprezenta lil kumpanija Venxa Ltd w'ghaldaqstant din id-decizjoni necessarjament teffetwa lill-imsemmija socjeta';*

11. *Illi bla pregudizzju ghall-paragrafu precedenti, li kieku verament wiehed kellu jiskarta l-fatt illi r-rikorrent huwa rapprezentant fattwali tal-imsemmija socjeta', l-istess rikorrenti m'ghandu l-ebda dritt jitlob illi d-decizjoni ta' dan l-Onorabbli Tribunal ma teffetwax terzi;*

12. *Illi rigward ir-raba' talba ghandha tigi skartata kompletament ghaliex primarjament l-Awtorita' ssostni illi r-rikorrent ghamel it-talba tieghu bhala l-enfitewta ghaliex hekk huwa kkunsidrat minnha permezz tal-kuntratt imsemmi ghaldaqstant 'l-enfitewta propju' necessarjament huwa effetwat bid-decizjoni tal-Bord u sussegwentement m'ghandux jinghata drittijiet ulterjuri in linea ma dak mitlub;*

13. *Illi bla pregudizzju ghall-paragrafu precedenti, u stante illi huwa jsostni illi ghamel it-talba lill-Awtorita' f'ismu, r-rikorrenti m'ghandux id-dritt illi jitlob rimedju ghas-socjeta' Venxa Ltd w'ghaldaqstant it-talba ghandha tigi michuda;*
14. *Illi l-Awtorita' intimata ssostni illi r-rikorrenti qieghed juza skuza, li kienet tkun plawsibbli li kieku ma kienx hu li ffirma f'isem is-socjeta' Venxa Ltd u huwa maghruf mill-Awtorita' bhala 'l-enfitewta', sabiex ikollu cans iehor japplika ghall-dak illi xtaq jottjeni u forsi jaghmel il-kaz tieghu ahjar mal-Awtorita' u jkollu cans jottjeni l-permess jissulloka;*
15. *Illi ghalkemm l-Awtorita' tifhem illi r-rikorrenti ma nghatax dak li xtaq u dan ma nizilx tajjeb mieghu, issostni illi hija kienet fid-drittijiet pjeni taghha illi, mhux biss tiehu d-decizjoni u ma tiskartax l-applikazzjoni maghmulha lilha, izda li tiehu d-decizjoni li hadet stante illi hija l-ligi li ttiha dan id-dritt Artijiet illi "tamministra bl-akbar mod assolut sabiex isir l-aħjar użu tal-art kollha tal-Gvern ta' Malta u kull art li tifforma parti mill-isfera pubblika" (Art7(2)(c) tal-Kap 563);*

*Għaldaqstant dan l-Onorabbli Tribunal għandu jiċħad it-talbiet kollha mressqa quddiemu mir-rikorrenti bl-ispejjeż interament għall-istess rikorrenti."*

Sema' x-xhieda;

Ra d-dokumenti kollha pprezentati;

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent hassu aggravat b'decizjoni tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorita` ta' l-Artijiet datata 17 ta' Awwissu 2018 u komunikata lilu permezz ta' ittra datata 5 ta' Settembru 2018 (Dokument JA1 a fol.20) li permezz taghha gie mgharraf illi l-applikazzjoni tieghu ghal *"Change of use"* tal-fond 29, Triq it-Torri, Sliema kienet qieghdha tigi michuda peress li l-Bord innota klawsola bin-numri 12 u 24 tal-kuntratt tal-koncessjoni emfitewtika u peress li mhux fl-interess tal-Gvern li jiddisponi mill-proprjeta` tal-Gvern.

**Ikkunsidra:**

Illi din il-kawza hija xi ftit jew wisq *sui generis* ghaliex l-aggravju principali tar-rikorrent hu illi l-Awtorita` intimat kien messha cahdet l-applikazzjoni *de quo* ghaliex saret minn persuna differenti minn dik li kellha l-koncessjoni enfitewtika fir-rigward tal-fond li ghalih kien qieghed jintalab il-permess sabiex isir il-bdil fl-uzu.

In succint, il-fatti saljenti ta' dan il-kaz huma s-segwenti:

1. Permezz ta' kuntratt pubbliku datat 17 ta' Mejju 2012 il-Gvern ta b'koncessjoni enfitewtika temporanja il-fond bin-numru 29, Triq it-Torri, Sliema lis-socjeta` Venxa Limited debitament rapprezentata fuq l-istess kuntratt mir-rikorrent Joseph Aquilina;
2. Fuq l-istess kuntratt Joseph Aquilina personalment ikkostitwixxu ruhu bhala granati solidali mal-enfitewta ghall-adempjiment tal-kundizzjonijiet hemm stipulati;
3. Fost il-kundizzjonijiet stipulati fl-imsemmi kuntratt hemm illi l-enfitewta ma jistghax jikri jew jiddisponi mill-proprjeta` jew parti minnha b'ebda mod jew titolu minghajr ma jitlob minn qabel il-permess tal-Gvern bil-miktub (**klawsola 24**);
4. Jirrizulta illi l-fond in kwisjtoni diga jigi mikri lil diversi inkwilini minn fejn jiggestixxu numru ta' hwienet pero` wiehed minn dawn l-inkwilini ried ixolji l-kirja u ghalhekk instab inkwilin iehor.
5. Ghaldaqstant ir-rikorrent wera l-intenzjoni li jissulloka l-imsemmi hanut u talab sabiex l-Awtorita` ta' l-Artijiet tinfurmah kemm ried ihallas skond **klawsola 12** tal-kuntratt li kienet tistipula illi jekk l-enfitewta ried jidhol fi shubija jew jaghmel ftehim ta' *management franchise* jew xi ftehim iehor simili dwar il-fond ried l-approvazzjoni bil-miktub tal-Kummissarju ta' l-Artijiet u riedet tithallas somma ta' darba li tkun daqs il-porzjon tac-cens li jkun qieghed jithallas *pro tempore* u li jirrifletti d-daqs f'metri kwadri li tali ftehim ikun ikopri komparat mad-daqs f'metri kwadri tal-enfitewsi originali (Dok JA1 a fol. 19).

Illi minn dak li fehem dan it-Tribunal, it-talba kienet sabiex l-enfitewta jikkoncedi lokazzjoni lil terzi u dan minkejja li r-rikorrenti fit-talba tieghu lill-Awtorita` ta' l-Artijiet iccita artikolu 12 tal-kuntratt. Fil-fehma ta' dan it-Tribunal artikolu 12 ma jinkwadrax is-sitwazzjoni li kien qieghed jiprospetta l-enfitewta. Pero` hija klawsola 24 li tiprospetta dak li kellu f'mohhu l-enfitewta.

**Ikkunsidra:**

Illi l-Bord intimat eccepixxa preliminarjament illi huwa mhux il-legittimu kontradittur vera u proprja f'dawn il-proceduri ghaliex huwa jiehu d-decizjonijiet f'isem l-Awtorita` intimata.

Illi t-Tribunal jirrileva illi ai termini tal-artikolu 6 tal-Kapitolu 563 tal-Ligijiet ta' Malta (Att dwar l-Awtorita` ta' l-Artijiet):

*"(1) L-Awtorità għandha tkun korp li jkollu personalità guridika distinta u tkun tista', bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, tagħmel kuntratti, takkwista, iżżomm u*

*tiddisponi minn kull xorta ta' proprjetà għall-finijiet tal-funzjonijiet tagħha , tħarrek u tiġi mħarrka, u tagħmel dak kollu u tidħol fit-transazzjonijiet kollha li jkunu inċidentali jew li jwasslu għall-eżerċizzju jew it-twettiq tal-funzjonijiet tagħha taħt dan l-Att, inkluż is-self ta' flus.*

***(2) Ir-rappreżentanza legali u ġuridika tal-Awtorità tkun vestita fil-Bord.[1]"***

Ghalhekk fil-fehma ta' dan it-Tribunal il-Bord intimat huwa l-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri.

Sorvolata l-eccezzjoni preliminari, it-Tribunal se jghaddi biex jinvesti l-mertu tal-kwistjoni.

Ir-rikorrent jammetti illi meta ssottometta l-applikazzjoni tieghu ghall-bdil fl-uzu tal-fond in kwistjoni huwa kien zbaljat ghax fil-verita` l-koncessjoni enfitewtika kienet versu s-socjeta` Venxa Limited li taghha huwa azzjonist u direttur u dan kif jirrizulta mill-*Memorandum and Articles of Association* esebit a fol. 51 et seq.

Min-naha l-ohra il-Bord intimat jishaq illi l-applikazzjoni kienet wahda valida ghax fil-fatt ir-rikorrent kien deher fuq il-koncessjoni originali ghan-nom ta' Venxa Limited u fuq l-istess kuntratt gie maghruf bhala l-enfitewta. Bir-rispett kollu, b'dak li qieghed jissottometti l-Bord intimat skarta kompletament in-nozzjoni legali tal-personalita` guridika distinta ta' socjeta` kummercjali. Filwaqt li huwa veru li r-rikorrent deher fuq il-koncessjoni enfitewtika dan ghamlu ghan-nom u in rapprezentaza ta' Venxa Limited u allura bl-ebda tigbid ta' immaginazzjoni ma jistgha wiehed jikkonkludi illi kien qed jidher fuq l-istess kuntratt f'ismu personali. Iktar minn hekk ir-rikorrent ikkostitwixxa ruhu bhala garanti solidali mal-enfitewta. Kieku dan it-Tribunal kellu jaccetta l-argumenti tal-Bord intimat allura r-rikorrenti ikun ikkostitwixxa ruhu garanti solidalment mieghu innifsu! Dan iktar u iktar meta mill-*Memorandum and Articles of Association* jirrizulta illi r-rikorrent mhux l-uniku azzjonist u direttur fl-istess socjeta` ghaliex barra hu hemm ukoll certu Julian Aquilina. It-Tribunal jinnota wkoll illi l-*Management and Administration* tas-socjeta` Venxa Co Limited hija fdata f'idejn iz-zewg diretturi flimkien. Kwindi iktar u iktar il-Bord ghandu bzonn prova cara illi dak li qieghed jintalab qieghed jintalab bl-approvazzjoni taz-zewg diretturi ghan-nom tal-Kumpanija. Pero` t-Tribunal jaghmilha cara illi anke kieku r-rikorrent kien l-uniku azzjonist u direttur, xorta wahda ma jista' jkun hemm l-ebda konfuzjoni bejn il-personalita` guridika distinta tas-socjeta` u dik tal-azzjonist/diretturi personalment.

Illi t-Tribunal huwa tal-fehma illi jekk Venxa Limited riedet tezercita xi dritt derivanti mill-koncessjoni enfitewtika, hija riedet taghmel dan tramite xi wiehed

[1] Enfasi tat-Tribunal

mid-diretturi taghha ghan-nom taghha. Ir-rikorrent ma setghax personalment jaghmel tali talba.

Illi ghaldaqstant it-Tribunal huwa tal-fehma illi meta l-Bord kellu quddiemu din l-applikazzjoni huwa kellu l-ewwel u qabel kollox jezamina min kien qieghed iressaq it-talba. F'dan il-kaz it-talba ressaqha individwu li ma kellu l-ebda relazzjoni guridika mal-Awtorita` intimata[2] u ghaldaqstant kellu jghaddi biex jiddeciedi abbazi ta' dan il-fatt. Ghaldaqstant it-Tribunal se jghaddi biex jannulla d-decizjoni appellata u jirrinvija lill-Bord intimat sabiex jerga' jikkonsidraha abbazi ta' dak li ntqal iktar 'il fuq.

Illi t-Tribunal jaghmilha cara illi huwa qieghed jirrevoka biss id-decizjoni appellata u bl-ebda mod m'hu se jinoltra ruhu fir-rigward ta' xi nteressi li jista jkollhom terzi u dan sabiex ma jippregudika lil ebda parti. Ghal dan il-ghan mhux se jiehu konjizzjoni tat-tielet u tar-raba' talba.

**DECIDE**

Ghaldaqstant it-Tribunal, ghar-ragunijiet hawn fuq esposti, qieghed jilqa' l-ewwel u t-tieni talba tar-rikorrenti u konsegwentement jichad ir-risposta tal-Bord intimat, filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni tat-tielet u tar-raba' talba.

In vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**

[2] hlief ovvjament bhala garanti solidali mal-Kumpanija ai termini tal-kuntratt datat 17 ta' Mejju 2012